MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2014

Avviz Numru. 125/2013

**Peter Knapperstbush f'ismu proprju u f'isem is-socjeta St. Publius Corporate Services Limited ( C-50180)**

**vs**

**Ulf Pangratz u iCovest Limited (C-54229)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors promotur ippresentat fit 30 ta' April 2013 fejn ir-rikorrenti talab lill-Qorti tikkundanna lill-intimati ihallsu is-somma ta' hamest elef Euro (€5,000) a saldu ta' taxxa stimata ammontanti ghall erbat elef elf hames mija tjen u tletin Euro u sitta u tletin centezmu (€4,532.36) u erbgha mija sebgha u sittin Euro u erbgha u sittin centezmu (€467.64) bhala spejjez legali.

Rat illi fl-1 ta' Lulju 2011 deher l-intimat illi ta ruhu notifika bl-avviz tas-smiegh u talab li jaghmel l-eccezzjonijiet tieghu.

Ra l-eccezzjonijiet ta' l-intimati ippresentat fit 8 ta' Lulju 2013 fejn Ulf Pangratz eccepixxa, preliminarjament, illi huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress illi kienet is-socjeta iCovest Limited li maghha kienu jahdmu ir-rikorrenti. L-intimat eccepew preliminarjament ukoll illi l-avviz ma kellux indikat ir-ragunijiet ghat-talba, u ghalhekk

kienet nulla. Fil-meritu, imbghad, l-intimati eccepew illi t-talba kienet infondata u r-rikorrenti kellhom jippresentaw provi konkreti in sostenn tat-talba taghhom.

Rat l-affidavit ta' **Peter Knappertsbush** datat 25 ta' Ottubru 2013.

Rat illi fis 17 ta' Frar 2014, il-kawza giet ikkancellata wara illi la ir-rikorrent u lanqas l-avukat tieghu ma deheru, u dan ghat-tieni seduta konsekuttiva.

Rat illi fit 18 ta' Frar 2014, wara rikors ghal riappuntament, il-kawza regghet tqieghdet fuq il-lista ghas 7 ta' Marzu 2014.

Rat illi fil 21 ta' Marzu 2014 kif ukoll fit 30 taa' Mejju 2014 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellhux aktar provi x'jippresenta.

Semghet ix-xhieda ta' **Dr Doreen Turner Bilocca** u **Ulf Pangratz** moghtija fl-14 ta' Lulju 2014.

Rat illi fl-14 ta' Lulju 2014 l-intimati iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi w il-kawza setghet tigi differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Ghandu jigi rilevat, l-ewwel u qabel kollox, illi t-talba kif redatta fir-rikors promotur ma tirrispekkja bl-ebda mod dak li jidher li qal li kien qieghed jippretendi ir-rikorrent fl-affidavit tieghu.

Dana qieghed jinghad peress illi, it-talba maghmuha quddiem dina l-Qorti kienet ghal hlas tas-somma ta' hamest elef Euro (€5,000) a saldu ta' taxxa stimata ammontanti ghall erbat elef elf hames mija tjen u tletin Euro u sitta u tletin centezmu (€4,532.36) u erbgha mija sebgha u sittin Euro u erbgha u sittin centezmu (€467.64) bhala spejjez legali.

Madanakollu, skond ix-xhieda ta' Peter Knapperstbusch, wara illi l-intimat kien waqaf jaghmel uzu mis-servizzi tar-rikorrent, huwa kien ircvieva stima ta' VAT pagabbli mis-socjeta intimata iCovest limited, fl-ammont ta' erbat elef elf hames mija tjen u tletin Euro u sitta u tletin centezmu (€4,532.36) u sussegwentement sar jaf li giet ippresentata lill-VAT Department dokument b'isem ir-rikorrent indikat, fejn gie indikat illi l-VAT pagabbli kienet attwalment ta' erbgha u hamsin Euro (€54), liema somma attwalment thallset u l-istima precendenti giet irtirata.

Huwa hass illi l-uzu ta' ismu f'tali dokument kien illegali u ghalhekk talab lill-intimati ihallsuh l-import tat-taxxa stmata in linea ta' danni u l-ispejjez legali kollha li inkorra, li jaghmlu total ta' hamest elef Euro (€5,000) b'kollox.

Ghalhekk, certament ma huwiex korrett jinghad illi s-somma ta' hamest elef Euro hija dovuta a saldu ta' taxxa stmata, peress illi l-ammont ta' hamest elef huma pretizi bhala danni allegatament sofferti mir-rikorrent ghax intuza ismu fuq id-dokument tal-VAT.

**Ikkunsidrat**

Mix-xhieda ipprovduta mill-intimati, jirrizulta illi meta l-attur kellu l-inkariku tieghu terminat mill-intimati, huwa naqas milli jghaddi id-dokumentazzjoni ta' kontabbilita' lill-persuni li issa kienu qed jiehdu hsieb l-affarjiet ghall-intimati. Bhala rizultat, jidher illi, f'mument minnhom, giet ippresentata formula tal-VAT fl-ahhar gurnata illi dina kellha tigi ppresentata mill-kumpannija l-gdida sabiex jigi evitat illi jithallsu xi multi addizzjonali.

Jidher illi l-persuna li ppresentat tali dokument, certa Christian Pisani, nizzel isem ir-rikorrenti Peter Knapperstbush bhala direttur, wara informazzjoni illi kienu tawh id-Dipartiment tal-VAT, u indika illi kien qieghed jiffirma ghalih. Eventwalment, jidher illi tali dokument tal-VAT giet ritornata mid-Dipartiment peress illi ma kienetx iffirmata kif suppost u eventwalment is-sitwazzjoni giet rizolta billi giet ippresentata dokument iehor, din id-darba minghajr indikazzjoni ghar-rikorrent.

Jidher car ghalhekk illi fl-ebda mument ma saret xi firma falza, kif qieghed jallega ir-rikorrent.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi dina l-kawza hija wahda bla bazi u ebda fondament u qatt ma messha giet intavolata kif inhi.

Hija azzjoni malizzjuza u inkorretta ibbazata fuq pretensjonijiet fazulli u bla bazi.

Tali azzjonijet qatt ma messhom jigu intavolati quddiem il-Qorti, u sta ghall-Avukat, bhala Ufficjal tal-Qorti, illi jassikura ruhu li dana ma jsirx.

Il-Qorti ma tistax ma tinnutax ukoll illi l-Malta Financial Services Authority, permezz ta' mezz straordinarju u rari li jintuza, harget 'Warning' lill pubbliku illi jghid '*MFSA warns the public against enntering into any transactions or otherwise dealing with the above-mentioned company or individual*".

Jidher illi r-rikorrenti kien qieghed jittenta juza il-Qrati sabiex jottjeni minghand is-socjeta intimata arrikkiment indebitu peress illi jirrizulta car li ma kellu ebda dritt ghal dak illi kien qed jitlob, u il-fatt illi jaghzel illi juza l-mezzi tal-Qrati sabiex jottjeni dan huwa tal-misthija u l-Qorti ma tistax hlief ma tiddeplorax bil-qawwa dana il-fatt.

Huwa car daqs il-kristall illi dina kienet kawza fiergha u vessatorja u ghalhekk timmerita illi tigi punita f'dana is-sens.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha prodotti u semghet ix-xhieda

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tilqa** l-eccezzjonijet kollha ta' l-intimat u ghalhekk

**Tichad** it-talbiet attrici kollha

A tenur ta' l-artikolu 10 (1) tat-tariffa A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda **tikkundanna** lir-rikorrenti Peter Knapperstbush u St. Publis Corporate Services Limited ihallsu, in solidum bejniethom, spejjez addizzjonali lir-Registratur tal-Qorti fl-ammont ta' elf Euro (€1,000)

Spejjez tal-proceduri kollha ikunu a kariku tar-rikorrenti in solidum bejniethom.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------